MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Numru. 1263/2010

Il-Pulizija
(Sp Anna Marie Micallef)
vs
Mohammed Abdullah Mohammed, iben Abdullah Mohammed, imwieled is-Sudan fl-1 ta' Jannar, 1975, Karta ta' l-Identita numru 36811(A)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fis-27 ta' Novembru, 2010 għal ħabta tas-7.00 a.m., fi Triq ix-Xatt, Gżira waqt li kien qed isuq vettura tal-għamla Daewoo, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 512:
1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti nvolontarjament, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Inmaculada Maria San Jose Vega,

ta’ nazzjonalita’ spanjola, hekk kif iċċertifika Dr. Malcolm Caruana M.D. ta’ l-Isptar Mater Dei;

2. b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti nvolontarjament, ikkaġuna ħsara fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FQZ 368, ta’ l-għamla Kia, liema ħsara teċċedi l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentesimu (€1,164.69) għad-dannu ta’ Simon Gatt Baldacchino u/jew persuni oħra;

3. b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti nvolontarjament, ikkaġuna ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BCK 235, ta’ l-għamla Peugeot liema ħsara teċċedi l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentesimu (€1,164.69) għad-dannu ta’ Saviour Meli u/jew persuni oħra;

4. b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti nvolontarjament, ikkaġuna ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AMI 400, ta’ l-għamla Ford liema ħsara teċċedi l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentesimu (€1,164.69) għad-dannu ta’ John Cassar u/jew persuni oħra;

5. b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti nvolontarjament, ikkaġuna ħsara f’proprjeta’ tal-Gvern amministrata mill-Kunsill Lokali tal-Gżira liema ħsara teċċedi l-mija u sittax il-euro u sebgħa u erbgħin ċentesimu (€116.47) iżda hija anqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentesimu (€1,164.69);

6. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq jew ipprova jsuq jew kellu taħt il-kontroll tiegħu vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 512, ta’ l-għamla Daewoo, fi triq jew post pubbliku meta ma kienx f’kondizzjoni li jsuq minħabba xorb;

7. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 512, ta’ l-għamla Daewoo, b’mod perikoluz;

8. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 512, ta’ l-għamla Daewoo, b’manjiera traskurata;

9. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 512, ta' l-għamla Daewoo, b'veloċita' qawwija;
10. fl-istess data, għal ħabta tas-sebgħa neqsin ta' fil-għodu fi Triq it-Torri, Sliema waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 512, ta' l-għamla Daewoo, daħal fl-imsemmija triq kontra s-sinjali ndikati;
11. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u f'dawn l-aħħar xhur f'dawn il-Gżejjer, saq vettura tal-għamla Daewoo, bin-numru atr-reġistrazzjoni AAI 512, mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita' għat-Trasport ta' Malta taħt dik il-kategorija speċifikata biex issuq dik l-imsemmija vettura;
12. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u f'dawn l-aħħar xhur f'dawn il-Gżejjer, saq vettura tal-għamla Daewoo, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 512, mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni.
Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra l-piena stabbilita, Mohammed Abdullah Mohammed jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għa perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-15 ta' April, 2011 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 225 u 226(1) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 18 u 328 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 18 u 328 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 18 u 328 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 18 u 328 tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikolu 127 tal-Avviż Legali 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta;
g. fl-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
h. fl-artikoli 67, 71, 88, 89, 90 tal-Avviż Legali 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta;
i. fl-artikoli 54, 55, 57 u 57 ta' l-Avviż Legali 129 ta' l-1994 maħruġ taħt il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
j. fl-artikoli 17, 23, 30, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' April, 2011 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ftit ħin qabel ma ġara l-inċident meritu ta' din il-kawża, l-imputat li kien qed isuq vettura tal-marka Daewoo, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 512, intlemaħ nieżel minn Triq it-Torri, Sliema f'dik il-parti li mix-xatt tieħu għall-Għar id-Dud speċifikatament fejn it-traffiku jitla biss u ma jistax jinżel. Ix-xhud ra lil din il-karozza jidħol f'dik il-parti tat-triq li hi 'one way'. Is-sewwieq ra t-traffiku ġej kontrih u għalhekk irriversja u nieżel kif suppost minn Bisazza Street. Dan ix-xhud kien qed jiġri u ftit wara lemaħ din l-istess karozza misjuqa mill-imputat li kienet maħbuda ix-Xatt tal-Gżira.

Illi l-inċident li ta lok għal din il-kawża ġara fis-27 ta' Novembru, 2010 għal ħabta tas-7.00 ta' fil-għodu. Dak in-nhar tlett tfajliet spanjoli kienu qed jistennew taxi li kellhhu joħodhom l-airport biex jieħu titjira lura lejn Spanja. Sfortunatament, dan it-taxi ma kienx fil-ħin u it-tlett tfajliet li kien alloġġjati fil-lukanda 115, The Strand kienu qed jinkwetaw li setgħu jitilfu t-titjira lura lejn pajjiżhom. Għalhekk, waħda mit-tfajliet, Immaculada Maria San Jose Vega, iddeċidiet li taqsam għan-naħa l-oħra biex jekk tilmaħ it-taxi twaqqfu. Hi qasmet għan-naħa tal-baħar bil-bagalja tagħha u telgħet fuq il-bankina. Kien is-sebħ ta' ġurnata sabiħa u għalhekk hi marret lejn il-baħar u ġiet lura tara jekk tilmaħx dan it-taxi. Iż-żewġ tfajliet l-oħra baqgħu fuq in-naħa tal-bini.

Illi fil-waqt li s-Sinjorina Vega kienet fuq il-bankina, kienet qed tħares lejn il-mobile tagħha meta ġara l-inċident. Milli

jidher l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu. Ftit metri qabel it-triq tilwi lejn ix-xelluq. Il-vettura ta' l-imputat baqgħet dieħel ġo tlett vetturi oħra li kienu pparkajti u bil-momentum din l-istess karozza telgħet fuq il-bankina u lagħet lis-Sinjorina Vega li lanqas ma rat din il-vettura ġejja għal fuqha. Fil-fatt, ir-ritratti li juru kif spiċċaw il-karozzi li kienu nvoluti f'dan l-inċident juri bi-ċar li l-impatt tal-vettura misjuqa mill-imputat kien wieħed vjolenti li jindika mingħajr ebda dubju li l-vettura kienet qed tiġi misjuqa b'veloċita ferm aktar minn dik konsentita fl-abitat.

Illi konsegwenza ta' dan l-inċident is-Sinjorina Vega ġiet meħuda l-isptar Mater Dei bl-ambulanza. Mix-xhieda tat-tobba jirrizulta li hu ġarreb ferita ta' natura gravi li jikkonsistu fi ksur taż-żewġ saqajn u il-ksur ta' idha apparti feriti oħra ta' natura ħafifa. Hi ttieħedet lura lejn pajjiżha għal aktar kura u skont it-tobba l-fejqan ser jieħu fit-tul b'riskju reali ta' disabilita permanenti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat ftit qabel l-inċident kien qed jixrob f'bar Paceville. Hu kien waħdu u qal li kien xorb vodka, tequila, red bull u kwantita' ta' shooters. Meta sar it-test tan-nifs irrizulta li l-kontenut tal-alkoħol f'ġismu kien wieħed ikbar minn dak konsentit mill-liġi. Dan il-fatt waslu li jgħid lill-pulizija li ma jiftakarx li nieżel kontra l-'one way' fi Triq it-Torri, Sliema.

Illi l-imputat meta ġie biex jilwi lejn ix-xelluq, peress li fil-post ta' l-inċident it-triq mhiex waħda dritta, tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u ġara l-inċident meritu ta' din il-kawża. L-inċident ġara minħabba żewġ fatturi. L-imputat kien xurban u mhemm ebda dubju li l-imputat kien qed isuq il-vettura tiegħu b'veloċita' aktar minn dik konsentita fil-lokal. Għalhekk, ma hemm ebda dubju li l-imputat hu responsabbli għal dan l-inċident. Hu responsabbli ta' sewqan perikoluż, b'manjiera traskurata u ta' sewqan b'veloċita' qawwija.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat jgħix Malta taħt 'temporary humanitarian protection'. Hu qal lill-pulizija li hu kellu liċenzja tas-sewqan u li kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni. Mill-provi prodotti ma jirrizultazx li l-

imputat għandu liċenzja tas-sewqan valida għal Malta. L-imputat informa lill-pulizija li kien assikurat. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet assigurat mal-Allcare iżda din il-polza kienet twaqqfet fis-6 ta’ Awwissu, 2010. Jirrizulta li fl-10 ta’ Awwissu, 2010 Dennis Busuttil ħareġ riċevuta favur l-imputat ta’ €108.37. Dennis Busuttil hu s-sub-agent għas-soċjeta’ American Home Assurance Company li hawn Malta huma rappresentati minn Montalto Insurance Agency Limited. Kien a bażi ta’ din ir-riċevuta li l-Allcare waqfu l-assikurazzjoni fuq din il-vettura peress li kienu nfurmati li minn dak in-nhar kien hemm assikurazzjoni ġdida. Jirrizulta li l-imputat sottoskriva ‘proposal form’ iżda jirrizulta li din il-‘proposal form’ kellha żewġ elementi nieqsa u cioe’ l-indirizz u kopja tal-liċenzja tas-sewqan. Hu veru li Dennis Busuttil tħallas għal din il-polza iżda l-agenzija assikuratriċi ma ħarġet ebda polza ta’ assikurazzjoni favur l-imputat. Għandu jingħad li l-Avukat Ġenerali ma ndika ebda artikolu tal-liġi dwar din l-akkuża.

Illi ma nġabet ebda prova li l-imputat ikkaġuna ħsara fi propjeta’ tal-Gvern amministrata mill-Kunsill Lokali tal-Gżira.

Illi konseqwenza ta’ dan l-inċident l-imputat ikkaġuna ħsara nvolontarja fi tlett vetturi oħra. Il-ħsara li saret fil-vettura tal-marka Kia Picanto, bin-numru tar-reġistrazzjoni FQZ 368, hi ta’ madwar €1,561 minbarra l-VAT. Il-ħsara li saret fil-vettura tal-marka Ford Fiesta, bin-numru tar-reġistrazzjoni AMI 400, irrendiet il-vettura ‘beyond economical repair’ u il-valur tal-vettura qabel l-inċident kien ta’ madwar €5,600. It-tielet vettura li hi tal-marka Peugeot 107, bin-numru tar-reġistrazzjoni BCK 235. Din ukoll hi ‘total loss’ u il-valur qabel l-inċident kien ta’ madwar €7,000.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-istess akkuża. Ma ssibx lill-imputat ħati tas-sitta u tat-tnax

il-akkuża miġjuba kontra tiegħu billi l-Avukat Ġenrali ma ndika ebda artikolu tal-liġi dwar din l-akkuża u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 225, 226(1)(a) u 328 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 67, 71, 88, 89, 90 u 127 tal-Avviż Legali 128 ta' l-1994 (L.S. 65.11) u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' €81.45 spejjeż inkorsi f'din il-kawża. Minbarra dan, tinibixxi lill-imputat li jkollu liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena. Dan it-terminu għandu jibda jiddekorri wara li l-imputat jiskonta l-piena karċerarja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------